29 ta' Mejju 2008

Stqarrija għall-istampa

# L-FKNK F'LAQGĦA MAL-PRIM MINISTRU

Delegazzjoni mill-Kunsill tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) nhar it-Tlieta kellha laqgħa mal-Ministru responsabbli mis-suġġett ta' l-kaċċa u l-insib li hekk kif kien imħabbar mill-amministrazzjoni preżenti huwa l-Prim Ministru. Il-laqgha saret wara talba mill-istess Federazzjoni.

F'din il-laqgħa, ma ġewx diskussi f'xi dettall partikolari l-punti kruċjali, pero' ttieħdu noti tagħhom sabiex ikun jista' jsir djalogu fil-gimgħat li ġejjin sabiex jiġu stabbiliti ċerti kriteri.

Fl-interess li jinsab l-aħjar mezz ta' għixien għall-kaċċaturi u nassaba Maltin u Għawdxin kif ukoll fl-interess taż-żamma ta' dawn it-tradizzjonijiet socjo-kulturali Maltin għal ġenerazzjonijiet futuri, l-FKNK spjegat il-punti prinċipali li dwarhom jkunu jistghu jiġu bbażati laqgħat segwenti. Dawn ser ikollhom bħala bażi l-Kaċċa fir-Rebbiegħa, l-Insib ta' l-Għasafar ta' l-Għana kif ukoll il-Kaċċa minn fuq Opri tal-Baħar, imma ser jittratta wkoll b'mod ġenerali bosta regolamenti oħra li huma ta' natura lokali u ma jaqgħux fix-xibka ta' kundizzjonijiet imposti mill-Unjoni Ewropea.

Il-Kunsill FKNK